MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**GRIMA EDWINA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1447/2002/1

***Sandro Scerri***
***Vs***
***Stephen Galea***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) rappresentanti danni kkagjonati mill-konvenut fil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni KLX 651, proprjeta' ta' l-attur, liema danni gew ikkagjonati f'incident stradali li sehh fl-20 ta' Settembru 2001 f'Ta Braxia, il-Hamrun waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAI 251 b'manjera perikoluza u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u habat mal-vettura misjuqa mill-attur.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta r-risposta tieghu fir-rigward.

Ra d-dokumenti esibiti, u cioe' stima tat-tiswijiet u l-hsarat sofferti mill-attur fil-mutur tieghu ammontanti ghal elf tlett mija u tmienja u hamsin lira u tmienja u hamsin centezmu (Lm1358.58c), immarkat bhala Dokument A, kif ukoll ir-*road accident report* u l-iskizz ta' l-incident mertu tal-kawza, immarkat bhala Dokument B.

Sema' x-xhieda ta' l-attur Sandro Scerri li kkonferma bil-gurament illi l-hsarat sofferti minnu fil-mutur proprjeta' tieghu fl-incident stradali mertu tal-kawza jammontaw ghal elf tlett mija u tmienja u hamsin lira u tmienja u hamsin centezmu (Lm1358.58c) u li ghalkemm il-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jersaq ghal hlas dovut, huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk l-ammont minnu reklamat ghadu dovut
.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' elf tlett mija u tmienja u hamsin liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm1358.58c), bl-imghaxijiet legali.
L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**